**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**(Sede Kostituzzjonali)**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 201/2022 (NC) GG**

**Malta Police Union (MPU) – RTU 302**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat u**
**Kummissarju tal-Pulizija**

Illum 7 ta' Mejju, 2024

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Malta Police Union (MPU) [minn issa "**il-Union Rikorrenti**"] ippreżentat quddiem din il-Qorti diversament preseduta fit-28 t'April, 2022 li bih ressqet ilment dwar ic-cahda assoluta ta' dritt ta' strajk ghall-membri tal-forza dixxiplinata, fosthom il-membri tal-Korp tal-Pulizija u talbet ir-rimedji hemm infraskritti;

Rat ir-risposta kongunta tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' Mejju, 2022 li biha wiegbu li t-talbiet ghandhom ikunu michuda ghar-ragunijiet hemm premessi;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta tal-21 ta' Gunju, 2022 li bih kkonkludiet li m'ghandhiex tispezzetta l-kawza u li ghandha tisma' l-provi fuq kollox;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Union Rikorrenti;

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tax-xhud mressaq mill-intimati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-ilment tal-**Union Rikorrenti** u ghalhekk tal-kawza minnha intentata huwa msejjes fuq il-premessa illi l-projbizzjoni li torbot lill-membri tal-Korp tal-Pulizija milli jaghmlu azzjonijiet industrijali, senjatament *strikes*, hija kontra d-disposizzjonijiet tal- ***European Social Charter*** u l-Protokoll tieghu u li ghalhekk inkompatibbli mal-istess *Charter*. Ir-rikors promutur jghid:

    1. Illi Malta rratifikat l-*European Social Charter* fl-4 t'Ottubru 1988 u l-Protokoll sussegwenti fis-16 ta' Frar 1994.

Malta irratifikat ukoll r-revizjoni tl-*European Social Charter* fis-27 ta' Lulju 2005.

2. Illi skont l-Artikolu 67A(1) tal-Kapitolu 452, membru ta' forza dixxiplinata jista' jissieheb fi *trade union* registrata tal-ghazla tieghu.

3. Illi minkejja li *trade union* tista' tinnegozja kondizzjonijiet ta' impjieg m'ghandha l-ebda dritt tiehu azzjoni ohra fil-forza dixxiplinata bi hsieb ta' tilwima jew biex din it-tilwima titmexxa 'l quddiem.

4. Illi dan ifisser illi *trade unions* qeghdin jigu mcahhda mid-dritt taghhom li jinnegozjaw bis-shih f'isem il-membri ta' forza dixxiplinata.

5. Illi d-dritt ta' strajk ta' certu ufficjali pubblici jista' jigi ristrett b'mod assolut that l-Artikolu G tal-*European Social Charter* ghall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' haddiehor jew ghall-protezzjoni ta' interess pubbliku, sigurta' nazzjonali, sahha pubblika, jew morali.

6. Illi skont l-Artikolu 6(4) tal-*European Social Charter*, projbizzjoni assoluta fuq id-dritt tal-istrajk, kif stabbilit f'Artikolu G, tista' tigi kkunsidrata f'konformita' mal-artikolu 6(4) biss jekk ikun hemm ragunijiet konvincenti biex jigu ggustifikati.

7. Illi skond rapport li sar fl-2014 mill-Kumitat tad-Drittijiet Socjali, il-kumitat ikkonkluda li s-sitwazzjoni f'Malta rigward il-projbizzjoni ghad-dritt tal-istrajk ghall-membri ta' forza dixxiplinata mhijiex konformi mal-Artikolu 6(4) tal-*European Social Charter* ghar-raguni li l-projbizzjoni assoluta ghad-dritt tal-istrajk tal-pulizija tmur lil hinn mil-limiti permessi mill-Artikolu G. sussegwentement, ir-rapport jghid

li ma hemm l-ebda indikazzjoni u ragunijiet konvincenti li jiggustifikaw restrizzjoni assoluta fuq id-dritt ghall-istrajk ghall-ufficjali tal-Pulizija.

8. Illi Artikolu 67A(2)(b) tal-kapitolu 452 qieghed jirrestringi d-drittijiet u l-libertajiet bazici tal-ufficcjali tal-pulizija billi jnehhi id-dritt fundamentali taghhom ghall-istrajk.

9. Illi bhala Union li tirraprezenta membri tal-forzi dixxiplinati, specifikatament tal-Korp tal-Pulizija, l-esponenti ghandu interess li tinbidl din is-sitwazzjoni u allur ma tibqax din r-restrizzjoni asoluta fuq id-dritt tal-istrajk ghall-ufficjali tal-Pulizija.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi cahda assoluta fuq id-dritt ta' strajk ghall-membri tal-forza dixxiplinata, fosthom il-membri tal-korp tal-Pulizija abbazi tal-Artikolu 67A(2)(b) tal-Kapitolu 452 ma titqiesx kompatibbli mal-Artikolu 6(4) tal-*European Social charter.*
2. Tiddikjara u tiddeciedi li permezz ta' tali stat ta' fatt, qed jinkisru d-drittijiet u l-libertajiet bazici tal-ufficcjali tal-Pulizija.
3. Tiddikjara u tiehu kull decizjoni ohra necessarja li hemm bzonn sabiex din l-Onorabbli Qorti twaqqaf c-cahda assoluta fuq id-dritt tal-istrajk tal-membri tal-korp tal-Pulizija.

4. Tiddeciedi li tibghat l-atti ghall-attenzjoni tal-Awtoritajiet kompetenti fosthom lill-Ispeaker tal-kamra tar-Rapprezentanti sabiex jiehdu konjizzjoni u jagixxu fuq id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inklkuz tal-ittra ufficjali intavolata qabel din il-kawza odjerna.

2. Bir-risposta kongunta taghhom, **l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju tal-Pulizija** eccepew is-segwenti:

1. Illi l-esponenti jecepixxu l-irritwalita' procedurali u sostantiva tar-rikors promotur *stante* illi talbiet li jirrigwardaw l-allegata inkompatabilita' tal-artikolu 67A (2) (b) tal-Kap. 452 mal-artikolu 6 (4) tal-*European Social Charter*, liema *charter* mhux parti formanti la mill-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas mill-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jistghux jitmexxew b'rikors quddiem il-Qrati Kostituzzjonali ai termini tal-artikolu 46 jew l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta[1];

2. Illi l-esponenti jecepixxu li l-azzjoni odjerna hija improponibbli *stante* illi l-*European Social Charter* huwa trattat internazzjonali li ma giex trapost fil-ligi domestika b'Att tal-Parlament skond ma jipprovdi l-**artikolu 3(3) tal-Att dwar ir-Ratifika t' Trattati (Kap. 304 tal-Ligijiet ta' Malta)**. Dan ghaliex l-Istat Malti huwa wiehed "duwalist" ghal dak li jirrigwarda l-effetti tal-ligi jew trattati internazzjonali, b'konsegwenza li d-dispozizzjonijiet ta' trattati internazzjonali, bhalma huwa l-*European Social Charter*, mhumiex enforzabbli fil-Qrati Maltin jekk ma jigux trasposti f'ligi domestika;[2]

[1] Vide Sentenza fl-ismijiet ***"Mariama Ngady Parsons vs L-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali"*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) deciza fl-1 ta' Marzu 2022 (318/2020TA)

[2] Vide Sentenza fl-ismijiet "***Adrian Marmara u Eugenio Camenzuli v. L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija deciza***" mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Dicembru 2013, paragrafi 25-26

3. Illi *di piu'* l-Istat Malti ma rratifikax il-Protokoll li jipprovdi ghal sistema ta' *Collective complaints Mechanism*[3] u kwindi r-rikorrent m'ghandu ebda dritt sancit sabiex jinvoka dan ic-*Charter* la quddiem dina l-Onorabbli Qorti u lanqas quddiem fora ohra[4];

4. Illi l-esponenti jecepixxu illi t-tieni talba tar-rikorrent hija neboluza *stante* illi ma tispecifikax liema drittijiet u libertajiet allegatament qieghdin jigu lezi. Kwindi, qieghed jigi eccepit l-impossibilita' illi tali talba tigi milqugha;

5. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-premessi u t-talbiet tal-Union rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-Union rikorrenti m'ghandhom ebda 'dritt' illi jistrakjaw kif qieghed jigi ripetutament miktub fir-rikors promotur. L-artikolu 67A (2) (b) tal-Kapitolu 452 kif ukoll il-korrispondenza illi l-Istat Malti ghaddha lill-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Socjali huma cari fis-sens illi minhabba ragunijiet ta' sigurta' pubblika, l-ufficcjali tal-Korp tal-Pulizija ma jistghux jistrakjaw;

7. Illi l-esponenti jecepixxu illi filwaqt li r-rapporti tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Socjali tal-2014 hemm indikat illi r-raguni ta' *sigurta pubblika* moghtija mill-Istat Malti fir-rigward tal-projbizzjoni assoluta illi ufficcjali tal-Korp tal-Pulizija ma jistghux jistrakjaw tmur lill-hinn mill-limiti permessi mill-Artikolu G u m'hijiex konformi mal-artikolu 6 (4) tac-*Charter*, il-forza ta' dan ir-rapport huwa wiehed 'morali' u r-rikorrenti m'ghandiex rimedju illi tipprocedi b'proceduri gudizzjarji kontra l-Istat. Dan huwa facilment konstatabbli mis-Sit elettroniku tal-Kunsill Ewropew u minn dokumenti/rapporti ufficcjali tal-istess kumitat kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri odjerni;

---

[3] Vide *Additional Protocol to the European Social Charter Providing for a System of Collective Complaints Strasbourg, 9.XI.1995*

[4]https://www.coe.int/en/web/european-social-charter/about-the-charter :
***"Insofar as they refer to binding legal provisions and are adopted by a monitoring body established by a binding treaty and the relevant protocols, decisions and conclusions of the European Committee of Social Rights must be respected by the States concerned, even if they are not directly enforceable in the domestic legal systems. They set out the law and can provide the basis for positive developments in social rights through legislation and case-law at national level."***

8. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-posizzjoni li assuma l-Istat Malti sabiex jillimita lill-ufficcjali ta' korp dixxiplinat (bhal ma huwa l-Korp tal-Pulizija) sabiex dawn ma jistrakjawx ma għandiex titqies bhala illegali *stante* illi tali limitazzjoni hija meħtiega raġonevolment fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità, deċenza pubblika u saħħa pubblika. Tali limitazzjoni hija intiza sabiex jiġu protetti d-drittijiet jew libertajiet ta' persuni oħra u hija mizura ragonevoli f'soċjetà demokratika. Certament ix-xoghol ta' ufficcjali tal-Pulizija huwa mehtieg ghal salvagwardja ta' dawn l-istanzi;

9. Illi l-esponenti jecepixxu illi filwaqt li l-Istat Malti kkonceda fis-sena 2015 sabiex membri tal-Korp tal-Pulizija jkunu jistghu jifformaw parti minn *Trade Union* u li tali *Trade Union* tista tinnegozja kondizzjonijiet ta' impieg u tieħu sehem fi proċeduri ta' temm ta' kwistjonijiet li jkunu ta' natura ta' konċiljazzjoni, ta' medjazzjoni, ta' arbitraġġ jew ta' natura ġudizzjarja f'isem il-membri tal-forza dixxiplinata, id-decizjoni tal-Istat illi jipprojbixxi azzjoni ta' tilwima industrijali (strajk) ghal dawn l-ufficcjali ta' forza dixxiplinata hija proporzjonali mal-obbligi tal-Pulizija kif stipulat fil-ligijiet vigenti u anki mal-obbligu pozittiv tal-Istat illi jissalvagwarda s-sigurta' pubblika b'mod generali;

10. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-azzjonijiet tal-intimati huma giustifikabbli u ghandhom bazi legali soda. Kwindi qieghed jigi fermament ribadut illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u/jew ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea u dina l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

3. Illi minn ezami ta' dawn l-eccezzjonijiet jokkorri li jkunu decizi dawk ta' natura preliminari qabel il-Qorti tissokta f'ezami fil-mertu jekk ikun il-kaz. Bl-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati jillanjaw illi din l-mertu tal-azzjoni ma jaqax fil-

kompetenza tal-Qrati Kostituzzjonali u għalhekk ir-rikors promutur huwa irritu sia fis-sustanza kif ukoll mill-aspett procedurali. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jibnu fuq din l-eccezzjoni billi josservaw illi l-azzjoni kostituzzjonali hija naxxenti mill-artikolu 46 u 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-ligijiet ta' Malta. Konsegwentement l-Union Rikorrenti qatt ma setgħet tipprocedi b'rikors quddiem din il-Qorti b'talba għal dikjarazzjoni li artikolu mill-Kapitolu 452 mhux kompatibbli mal-*European Social Charter*;

4. L-artikoli tal-ligi rilevanti għall-din l-eccezzjoni huma s-segwenti:

**Kostituzzjoni ta' Malta:**

46. (1) … … … kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.

(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.

**116.** Dritt ta' azzjoni għal dikjarazzjoni li xi liġi tkun invalida għal xi raġunijiet ħlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 ta' din il-Kostituzzjoni tkun tappartjeni lill-persuni kollha mingħajr distinzjoni u persuna li ġġib azzjoni bħaldik ma tkunx meħtieġa turi xi interess persunali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha

## Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta′ Malta – Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea

**4**(1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.

(2) l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:

Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.

## Ligi Sussidjarja 12.09 – Regoli Dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni:

2. Il-procedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li jsiru skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-procedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghandhom jinbdew permezz ta' rikors.

3. (1) Rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkun fih, b'mod konciz u car, il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment ughandu jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jkun allegat li jkunu gew, li jkunu qed jigu jew li jkunu x'aktarx ser jigu miksura.

(2) Ir-rikors ghandu jispecifika wkoll ir-rimedju mitlub mir-rikorrent:

Izda l-qorti tkun tista', jekk ir-rikors jigi milqugh, taghti kull rimedju iehor fil-gurisdizzjoni taghha li tkun tqis bhala aktar xieraq.

….

(5) Rikors li ma josservax is-subregoli (1), (2), (3) u (4) ma jkunx null; izda l-qorti tista', f'kull kaz, tordna lir-rikorrent li jipprezenta, f'dak iz-zmien li l-qorti tistabbilixxi, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet mehtiega u l-ispejjez ta' dak l-ordni ghanduj batihom ir-rikorrent.

5. Il-Union Rikorrenti hija siekta dwar din l-eccezzjoni minkejja l-aspett krucjali taghha. Minkejja dan, jehtieg xorta wahda ezami dwarha u ghalhekk jibda biex jinghad illi kif jemergi mid-disposizzjonijiet appena riprodotti, il-Qorti kompetenti sabiex tisma u tiddeciedi lanjanzi dwar jeddijiet fundamentali tal-bniedem hija il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Ghalkemm b'konswetudini din il-Qorti assumiet it-titolu ta' Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), dan il-format mhuhiex dak indikat mil-ligi liema qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali *qua* kawzi ta' din in-natura. Minkejja dan, il-ligi sservi l-ghan illi tistrada kwistjonijiet ta' allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali kif sanciti fl-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli dwar il-libertajiet fundamentali kif elenkati fil-Konvenzjoni Ewropea Ghad Drittijiet tal-Bniedem, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta ghal quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Oltre dan, titkellem ukoll dwar il-modus ta' kif wiehed ghandu jadixxi lil din il-Qorti senjatament permezz ta' rikors u dan a differenza ta' rikors guramentat kif ordnat fi kwistjonijiet kontenzjuzi ohra quddiem din il-Qorti

6. Issa, huwa bil-wisq evidenti illi l-lanjanza tal-Union Rikorrenti ma tirraffigurax fil-lista' tal-kawzi li jistghu jinstemghu minn din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha. Kawzi ta' din in-natura huma dawk li l-appell taghhom imbaghad jinstemgha mill-Qorti Kostituzzjonali. Oltre minn hekk, ma jidhirx li hemm xi disposizzjoni ohra tal-ligi li tidderigi li kawzi bhal din in disamina jinstemghu mill-Prim'Awla tl-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha. Ghalkemm dan jista' ma jkollux ezitu fatali, ghaliex il-Prim'Awla xorta wahda tista' tibqa'

kompetenti biex tisma' u tiddeciedi l-kawza minn aspett divers bil-konsegwenza li ma tkunx tista' tezercita' l-poteri li altrimenti huma vestiti fiha fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, jibqa' l-fatt illi minn hemm 'l quddiem japplikaw ir-regoli normalment regolanti l-kawzi quddiemha. Fi kliem iehor, u b'mod aktar pertinenti ghal-kwistjoni hawn devoluta, meta l-kwistjoni mhix wahda proponibbli quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha minhabba kwistjoni ta' sostanza u dik il-qorti tghaddi biex tisma' l-kawza daqs li kieku ntrodotta fuq mertu ta' kompetenza originali ohra, jehtieg li tkun proceduralment regolari;

7. Illi, f'dan ir-rigward, l-intimati jillanjaw illi r-rikors tal-Union rikorrenti kellu jkun guramentat kif titlob il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Jghamlu referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-1 ta' Marzu, 2022 fl-ismijiet **Mariama Ngady Parsons vs l-Agenzija ghal Protezzjoni Internazzjonali** (PA 318/2020 TA). F'din is-sentenza, wara li Qorti fissret il-kwistjoni ta' sostanza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, kkonkludiet illi "*Dan ifisser li kwalunkwe azzjoni ohra, anke jekk f'sens generiku tolqot kwistjoni ta' portata kostituzzjonali, li ma tkunx ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali trid tinbeda b'rikors guramentat*":

> Iżda dak li jippreokkupa lil din il-Qorti fir-rigward ta' din il-lanjanza partikolari, hija kwistjoni ta' natura proċedurali aktar milli waħda sostanzjali. Il-leġislazzjoni tagħna tirrikonoxxi li l-mezz li għandha tkun promossa azzjoni kostituzzjonali sa fejn jirrigwarda ksur ta' dritt taħt il-

Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa r-rikors. Dan joħroġ ċar mir-regolament 2 tal-L.S.12.09 li jiddisponi hekk:

l-procedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li jsiru skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-procedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghandhom jinbdew permezz ta' rikors. (emfazi tal-Qorti).

Dan ifisser li kwalunkwe azzjoni oħra, anke jekk f'sens ġeneriku tolqot kwistjoni ta' portata kostituzzjonli, li ma tkunx ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali trid tinbeda b'rikors ġuramentat. Dan qiegħed jingħad, għaliex tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu 154 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor , kif fil-fatt jagħmel ir-regolament 2 fuq imsemmi fir-rigward ta' ksur ta' dritt fundmentali taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, kull azzjoni oħra trid tinġieb bil-formalita' tar-rikors ġuramentat.

Li kieku wieħed kellu jistaqsi jekk jistax dak li jkun irressaq ksur tat-Trattat biss inkwistjoni ut singuli permezz tar-rikors, ir-risposta hija fin-neggattiv. Il-liġi tordna li r-rikors ikun l-proċedura ordinarja li biha tibeda kull azzjoni sakemm xi liġi speċjali ma tipprovdiex mod ieħor. Tant dan huwa minnu, li l-liġi tikkomina n-nullita' tal-att jekk dak għandu jiġieb b'rikors ġuramentat jsir b'rikors pero' mhux il-kuntrarju. Di fatti artikolu 164 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jgħid hekk :

> 16 (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175, ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor.
>
> (2) Ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikorsminflok tinġieb b'rikors ġuramentat:
>
> Iżda kull żieda addizjonali li ssir fl-ispejjeż għandha titħallas mill-attur:

> Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw meta skont xi liġi oħra li ma tkunx dan il-Kodiċi l-proċedimenti għandhom jinbdew b'rikors.

> Għalhekk il-Qorti tissoleva, li sa fejn jirrigwarda il-lanjanza tar-rikorrenti rigwarda l-artikolu 47 tat-Trattat din ma tistax tinlaqa'. Huwa prinċipju ta' ordni pubbliku, senjatament għall-kwistjonijiet ta' natura proċedurali, jobbligha li tissolleva kwistjoni bħal din minn jhedda. Hekk ingħad fis-Sentenza fl-ismijiet Grech -vs- Saglimene et deċiża fid-9 ta' April 1992 mill-Qorti tal-8Kummerċ. Prinċipju li ġie ribadit fis-Sentenza fl-ismijiet Gatt vs Debono et tat-2 ta' Frar 1990 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fejn intqal hekk: "Skont il-prinċipji tal-Ġustizzja l-ebda Qorti m'għandha d-dritt li tissolleva eċċezzjonijiet ex officio, ħlief dawk li l-liġi stess timponi fuqha bħala dover, li huwa dejjem konness ma' xi kwistjoni tal-ordni pubbliku ..." .

8. Il-Qorti taqbel ma dan ir-ragunament u taghmel taghha l-istess ghal fini ta' din l-eccezzjoni. Dak li jonqos li jkun ezaminat sabiex il-Qorti tkun esplorat il-mezzi kollha biex tipprova ssalva l-azzjoni odjerna hu li tara jekk il-premessi u t-talbiet ghandhomx mill-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew l-artikoli tal-Konvenzjoni. Issa, l-Union Rikorrenti wara li tipremetti illi l-projbizzjoni assoluta ta' dritt ta' azzjoni industrijali, "qieghed jirristringi id-drittijiet u l-libertajiet bazici tal-pulizija billi jnehhi id-dritt fundamentali taghhom ghall-istrajk, talbet lil Qorti tiddikjara li dan mhux kompatibbli mal-*European Social Charter* u li b'dan l-istat ta' fatt qed jinkisru d-drittijiet u l-libertajiet bazici tal-ufficjali tal-Pulizija. Lanqas ghalhekk ma tista' din il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar xi aspett iehor tar-rikors promutur fejn fi tfittxija ghal xi lezjoni ta' dritt ghaliex dak li qed tfittex il-Union Rikorrenti hija dikjarazzjoni li l-

projbizzjoni tad-dritt ta' *strike* imur kontra l-provvedimenti tal-*European Social Charter* u mhux kontra xi wiehed mid-drittijiet fundamentali;

9. Il-Union Rikorrenti setghet tirrikorri ghas-sub regolament (5) tar-regolament 3 tal-LS 12.09 sabiex ticcara l-posizzjoni taghha wara l-eccezzjonijiet tal-intimati izda baqghet passiva anke fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Il-Qorti ma haditx din il-mizura stante li r-rikors promutur huwa car fis-sens illi l-Union Rikorrenti qed tattakka in-nuqqas ta' dritt ta' strike fil-konfront tal-provvedimenti tal-European Social Charter. B'hekk l-intimati ghandhom ragun billi r-rikors huwa irritu sia mill-aspett sostanzjali kif ukoll dak procedurali;

Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra u tiddikjara l-azzjoni irritwali.

---

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

**Nicole Cini**

**Deputat Reġistratur**